**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tlieta 18 ta' Ottubru 2017**

**App. Nru. 199/2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alston Abdilla**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Alston Abdilla, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 527384(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fit-28 ta' Diċembru 2008 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

(2) fl-istess żmien u ċirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet ta' l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew imposti fuqu b'sentenza datata 14 ta' April

2008, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D.;

(3) fl-istess żmien u ċirkostanzi sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-10 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 334(a) u 279(a), 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Alston Abdilla ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perijodu ta' seba xhur priġunerija. Inoltre, wara li rat l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta'Malta, ġabet fis-seħħ is-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti (presjeduta mill-Maġistrat Saviour Demicoli) fl-14 ta' April 2008, u wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(1)(d) u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-istess Alston Abdilla multa ta' hames mitt ewro (€500);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alston Abdilla ppreżentat fit-22 ta' April 2013 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena u okkorrendo jkun il-każ, subordinament tipprovdi għall-piena aktar miti u idoneja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi hija l-fehma umli tal-appellant li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti;
>
> "**<u>Fil-Mertu</u>**
>
> "Illi l-akkuza principali kontra l-appellant hija dik kontemplata fl-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad illi persuna akkuzata bir-reat ta' ricettazzjoni ikun xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa;
>
> "Illi huwa palezi mill-gurisprudenza taghna illi sabiex jissussisti dan ir-reat iridu jirrikorru s-segwenti rekwiziti u cioe`:
>
> a) Il-provenjenza illegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b'qerq jew akkwistat b'reat iehor;

b) L-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima;

c) Fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (Ara App. Krim 'Il-Pulizija vs Bugelli' [24.01.1942]; 'Il-Pulizija vs Giovanni Grima' [25.10.2002]);

"Illi l-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat ikun konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni;

"Illi dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizzjarji. Hekk fl-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs John Briguglio' [21.06.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li: *'Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni.'*

"Illi f'dan ir-rigward il-KENNY jghid illi: *'The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen... Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ... when an unlikely vendor offers them for an unlikely price .... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. ... selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them'*;

"Illi bir-rispett kollu dovut, l-appellant jikkontendi illi ma ngabet l-ebda prova kemm diretta u kif ukoll indizzjarja li tista' b'xi mod tikkonvinci lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni illi hu fil-fatt kien konsapevoli tal-fatt illi dan it-telefown cellulari kien fil-fatt misruq.

"Illi l-probabbilita` li l-appellant ma kienx jaf illi dan it-telefown cellulari hija accentwata mill-fatt illi kif jirrizulta mix-xhieda tas-*service providers* f'xi zmien wara s-serqa dan il-*mobile phone* intuza kemm mill-appellant, kif ukoll minn ohtu Svetlana Abdilla;

"Illi l-argument tal-prosekuzzjoni illi l-appellant kien jaf bil-provenjenza illegittima ta' dan it-telefown cellulari kien ikun ferm aktar kredibbili u sod li kieku l-appellant heles minn dan it-telefown immedjatament wara li gie f'idejh. Mhux talli m'ghamilx hekk talli dan il-mobile beda juzah hu u sahansitra ippermetta lil ohtu stess tuzah;

"Illi persuna ragonevoli ma kienet qatt ser tesponi lil ohtha stess ghal problema kbira bhal din partikolarment kieku kienet taf li hawnhekk si tratta ta' oggett misruq;

"Illi ghaldaqstant l-appellant jikkontendi li l-element formali biex tinstab htija fir-rigward tar-reat ta' ricettazzjoni ma giex pruvat sal-grad mehtieg mill-ligi;

"Illi inoltre, l-appellant jikkontendi li lanqas l-element materjali tar-reat ma gie pruvat u cioe` il-provenjenza illegittima tat-telefown cellulari in kwistjoni;

"Illi l-Ewwel Qorti stess tirrimarka illi ghalkemm l-prosekuzzjoni tikkontendi illi f'dina s-serqa insteraq *mobile phone* tal-ghamla Nokia, kif jikkonferma wkoll id-derubat, madanakolu kemm fir-rapport tal-pulizija kif ukoll dak tal-ufficjal investigattiv l-ispettur Carlo Ellul, u r-rapport ta' l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, dana t-telefon cellulari ma jissemmiex bhala parti mir-*res furtiva*;

"Illi hawnhekk allura ghandna akkuza msejsa fuq rapport tal-pulizija u Inkjesta Magisterjali appozita li lanqas biss tidentifika l-oggett mertu ta' din il-kawza bhala formanti parti mir-*res furtiva*;

"Illi ghalhekk, l-appellant jemmen li ma gietx provata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-provenjenza ta' dan it-telefown cellulari kienet wahda illegittima u ghaldaqstant, element materjali biex tinstab htija, huwa nieqes u r-reat ma jista' qatt jissussisti;

"Illi ghaldaqstant, l-appellant jemmen li mill-assjem tal-provi certament jezisti dubbju ragjonevoli illi ghandu jimmilita favur tieghu u li ghalhekk kien jipprekludi l-Ewwel Qorti milli ssib htija fil-konfront tieghu.

"**<u>Aggravji dwar il-piena</u>**

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

"Illi l-Ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena, tghid illi *'Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tinghata fil-konfront ta' l-imputat il-Qorti tistqarr li ma tistax tkun klementi mieghu meta huwa car illi huwa gideb b'mod lampanti. Inoltre l-fedina penali tieghu hija wahda piuttost ikkulurita. Fil-fatt jirrizulta mill-atti illi l-imputat huwa recidiv u dana b'diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti. Inoltre billi dana ir-reat gie mwettaq fil-perijodu ta' liberta` kundizzjonata imposta fuq l-imputat b'sentenza ta' dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta, il-Qorti ser tghaddi sabiex tapplika id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu.'*

"Illi l-appellant jissottometti illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, piena karcerarja effettiva ma tista' qatt twassal ghall-effetti riformattivi mixtieqa meta jigu mposti tali pieni karcerarji;

"Illi l-appellant ghadda minn zminijiet difficli hafna f'hajtu, partikolarment minhabba d-dipendenza serja li kellu fuq id-droga, izda llum il-gurnata irnexxielu jaqbad it-triq it-tajba u jirriforma ruhu.

> "Illi ghal dan il-ghan, l-appellant ser jipprezenta wkoll rikors sabiex isir *social inquiry report* illi jista' jaghti dawl ahjar fuq l-istorja tal-appellant u kif minn hajja difficli hafna, illum jinstab fi stat hafna ahjar milli kien ftit snin ilu."

**6.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. U fejn hemm verżjonijiet konfliġġenti, jiġi mfakkar li x-xiehda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar[1]. U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[2].

**7.** Din il-Qorti għalhekk eżaminat il-provi kollha sabiex tara jekk l-ewwel Qorti fil-fatt setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għal konklużjoni ta' ħtija.

**8.** L-appellant instab ħati mill-ewwel Qorti tar-reat ta' riċettazzjoni kontemplat fl-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li huwa ħati ta' reat kull min f'Malta, **"**xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom". Ix-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika, u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-riċettatur kien jaf, jew li miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien messu raġjonevolment jaf li l-oġġett li ser jakkwista ġej minn provenjenza kriminuża.[3]

---

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.
[3] Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Cini**, 5 ta' Novembru 2008; **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

**9.** L-ewwelnett, pero`, irid jiġi determinat jekk tirriżultax il-provenjenza kriminuża tal-*mobile phone* in kwistjoni. Bħalma ġustament josserva l-appellant, mir-riżultanzi tal-proċess verbal u tar-rapport tal-Pulizija ma hemm l-ebda *mobile phone* msemmi bħala parti mir-refurtiva li ttieħdet mill-fond derubat. Mhuwiex inverosimili, pero`, illi derubat jinnota li naqsu xi affarijiet oħra wara li jkunu saru l-investigazzjonijiet preliminari. Din il-Qorti tosserva wkoll illi fl-inkjesta xehdet Denise Camilleri, waħda  mid-derubati. Fil-kumpilazzjoni xehed Mark Buttigieg, id-derubat l-ieħor u sieħeb Denise Camilleri, li fix-xiehda tiegħu semma wkoll li kien hemm "xi *mobile phones*" misruqin ukoll. Xehed ukoll li l-*mobile phone* li naqaslu kien Nokia iżda ma ftakarx il-mudell. Sfortunatament ma jirriżultax mill-atti li l-*mobile phone* elevat mill-Pulizija mingħand Svetlana Abdilla, oħt l-appellant, ġie esebit waqt il-kumpilazzjoni u konsegwentement ma setax jintwera lil Mark Buttigieg. Is-Supretendent Carmelo Magri xehed illi l-*mobile phone* rriżulta li kellu IMEI numru 355661000510065 u kif ġabar dan in-numru għamel ir-riċerka tiegħu mal-GO Mobile u l-Vodafone. Is-Supretendent Magri ma jgħidx kif ġabar dan in-numru. Ciononostante, kienet din ir-riċerka li waslitu għal Svetlana Abdilla mbagħad għall-appellant li qallu minn fejn kien ġab il-*mobile phone* billi semmielu wieħed jgħidulu l-"jigger". Dan kien ċertu Steve Matthew Grima li ammetta li kien seraq mill-fond residenza ta' Denise Camilleri u Mark Buttigieg u li l-*mobile phone* kien fost ir-refurtiva. Għalhekk, nonostante n-nuqqasijiet imsemmija, ġiet sodisfaċentement pruvata l-provenjenza kriminuża tal-*mobile phone*.

**10.** Il-kwistjoni li trid tiġi indirizzata issa hija jekk l-appellant kienx jaf, jew li miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kienx messu raġjonevolment jaf li l-oġġett li ser jakkwista ġej minn provenjenza kriminuża.

**11.** Matthew Grima jgħid illi hu kellu xi dejn ma' l-appellant u kien tah l-imsemmi *mobile* iżda qallu li kien misruq. L-appellant xehed li meta akkwista l-*mobile* kien qiegħed hdejn il-Butterfly Bar, Birkirkara, u mar ċertu wieħed Steve (referenza din għal Steve Matthew Grima) li kellu *mobile* għall-bejgħ. Hu xtrah għal xi €100/€120 u m'għadditlux minn moħħu li seta' kien misruq. Ċaħad li Grima avżah li l-*mobile* kien misruq. Kieku kien jaf li misruq ma kienx jintriga bih. Uża għax ma kienx jaf li misruq. Il-kontro-eżami ta' Matthew Grima, pero`, kienet bażata fuq xenarju kompletament differenti. Grima ġie mistoqsi jekk kinux iltaqgħu ġewwa ħanut tax-xorb, jekk iltaqgħux biex l-appellant jiġbor il-flus li kellu jiġbor mingħand Grima, u jekk l-appellant qabadx u ħadulu l-*mobile* u qallu "issa meta ġġibli l-flus intihulek". Din il-verżjoni hi evidentement bażata fuq dak li qal l-appellant fl-istqarrija tiegħu u li tikkontrasta ma' dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti. Difatti l-ewwel Qorti qalet hekk:

> "Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi it-telefon cellulari misruq kien fil-pussess ta' l-imputat. Dana l-imputat stess jammettieh oltre ghal fatt illi l-persuna li wettaq ir-reat jammetti li kien ghaddieh lill-imputat u gharrfu bil-fatt illi dan kien misruq. Illi b'applikazzjoni tat-teorija hawn fuq indikata u fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti hija tel-fehma illi ghalkemm dana it-telefon cellulari ma jigix indikat la mill-pulizija u lanqas mid-derubat *a tempo vergine*, madanakollu ma hemmx dubbju illi l-imputat gie fil-pusess tat-telefon cellulari in kwistjoni ftit taz-zmien wara li sehh ir-reat u kien ben konsapevoli tal-fatt illi dan kien misruq, tant illi meta gie arrestat u interrogat huwa jaghti verzjoni, li imbaghad ibiddel meta jixhed quddiem il-Qorti dwar kif il-Jigger u cioe` Matthew Grima ghaddielu dana it-telefon. Inoltre l-Qoti lanqas ma temmen il-verzjoni moghtija mill-imputat dwar kif l-istess telefon b'**kumbinazzjoni** wasal fil-pussess ta' ohtu *ad insaputa* tieghu u dana wara li kienu bieghu lil terza persuna li baqghet ma gietx identifikata. Il-Qorti temmen illi Matthew Grima ghadda dana it-telefon cellulari lill-imputat ftit taz-zmien wara li kienet sehhet is-serqa u li dana it-telefon intuza kemm mill-imputat kif ukoll minn ohtu. Fil-fatt fl-atti hemm provi illi dana it-telefon ghal xi zmien intuza anke minn hu l-imputat. Illi l-Qorti temmen dak li ighid Matthew Grima fix-xhieda tieghu illi huwa kien informa lill-imputat illi dana it-telefon huwa kien serqu. L-imputat, minn naha tieghu, ma iressaq l-ebda prova li tista' tindika xi raguni 'il ghala Grima kellu jigdeb dwar dana il-fatt."

**12.** L-ewwel Qorti għamlet analiżi korretta tal-provi u konsegwentement setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien ħati ta' l-imputazzjoni ta' riċettazzjoni.

**13.** Kwantu għall-piena, il-prinċipju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[4].

**14.** M'hemmx dubju li l-piena hi fil-parametri tal-liġi. Imbagħad il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti dwar il-piena huma ineċċepibbli. Ciononostante din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-*pre-sentencing report* imħejji mill-uffiċjal tal-*probation* Rona Custo` u, wara li ħasbet fit-tul dwar l-aħjar mezz li bih għandu jiġi trattat l-appellant, hi tal-fehma li għandha tagħtih proprju l-aħħar opportunita` sabiex jirriforma ruħu billi, kif rakkomandat, ikun taħt superviżjoni b'ċerti kondizzjonijiet sabiex jiġi assigurat li ma jibqax jabbuża minn kwalunkwe tip ta' droga.

---

[4] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Alston Abdilla għal seba' xhur priġunerija, minflok, tqiegħdu taħt *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perijodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat/tiġi nominata għal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħati ddikjara li huwa jaċċetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Principali tal-*Probation*. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.